# BEJN RAHAL U LAQAM

Studju Folkloristiku ta' Ġ. CASSAR PULLICINO

DIN hija ġabra ta' xi laqmijiet li n-nies tar-raħal jew belt ta' gżiritna jagħtu lin-nies ta' raħal jew belt oħra. Bħal kull ħaġ'oħra li ġejja mill-poplu bla tagħlim, m'għandux wieħed jistenna li jsib xi ħlewwa jew xi *finesse* fihom. Dak li l-poplu jrid jgħid, igħidu bla mistħija, għalkemm xi drabi jiksih b'libsa ta' kliem li minnha tidher aħjar iċ-ċajta jew l-inkejja li tkun mifhuma. Huma x'inhuma, għandna nqisu dal-fdalijiet ta' żmien ta' qabilna bħala tifsira ta' patrijottiżmu dejjaq, lokali; tifkira ta' meta n-nies ta' belt jew raħal kienu jqisu lilhom infushom għalihom waħedhom, u meta l-ħajja kienet wisq iktar mil-lum magħluqa ġot-triqat ta' l-irħula tagħna, fejn il-piki u t-tmaqdir bdew jinħolqu u jinbtu mhux biss bejn partit u ieħor, bejn raħal ċkejken u belt akbar, imma wkoll meta nuqqasijiet fiżiċi u morali, industriji u drawwiet bdew jiddeffsu u jsiru ħaġa waħda ma' dan ittwegħir u t-tilwim bejn in-nies tal-bliet u r-rħula tagħna.

Barra minn dan l-interess folkloristiku, niltaqgħu ma' ieħor storiku, li bih nistgħu nsiru nafu kif raħal jew belt waslu biex ituhom dan jew dak il-laqam. U b'hekk inkunu qed nimlew, kif kien hemm min qal, "il-baħħ ta' l-istorja, li mhux dejjem issib il-materjal tagħha fil-fdalijiet u d-dokumenti tal-karta u tal-ġebel." Dawl ieħor jixħtilna l-element reliġjuż f'dawn il-*maldicenze paesane* (1) fuq il-moħħ tal-poplu, li fin-nuqqas ta' laqam ieħor x'jagħti, sawwar fl-imgħoddi wieħed imsejjes fuq xi festa ta' qaddis eċċ. Postijiet oħra jieħdu l-laqam tagħhom mid-drawwiet tax-xogħol u l-industriji, kif ukoll minn nuqqas fiżiku jew morali (eż: "Tal-ġummar". "Tal-mazzit", "Is-sakranazzi", "Ta' sieqhom ċatta")., Id-doppjusens jidher ukoll f'oħrajn, waqt li xi wħud oħra donnhom "kliem bil-brejku"—ma jiftehmux.

Jista' jkun li ma għadekx tisma' wisq minn dawn li sa nġibu hawnhekk (inqas ma nisimgħu aħjar!). Imma jekk bosta minn dawn il-qwiel u laqmijiet illum tilfu ħafna mill-qawwa tagħhom, u m'għadhekx issibhom ħlief fost it-tfal ta' xi raħal jew f'ħalq ix-xjuħ tagħna, b'danakollu għandna niftakru li xi darba kellhom ir-rokna tagħhom fil-ħajja ta' misserijietna, bħala tifsira u xhieda ċara ta' kif il-poplu jaħsibha u jinfexx ma' min jidħol miegħu fil-pika.

(1) Taħt dan l-isem Bonelli ġabar xi laqmijiet ta' rħula u ħariġhom fis-"Saggio del Folklore dell'Isola di Malta" li deher fl-1897.

**Il-Belt** — Ma tantx issib laqmijiet ġol-belt, imma ġie li xi wieħed jingħata lin-nies ta' ħâra sħiħa e.g. "Tas-Suq" jew "Tal-Arċipielgu" eċċ. Għan-nies tar-rħula, imbagħad, min joqgħod il-Belt huwa dejjem wieħed mill-"Kesħin tal-Belt". U meta jiġi xi predikatur mill-Belt tismagħhom igħidu "Dan minn fejn jamar is-Sultan" jew "mill-bejta tas-Sultan".

**Furjana** — "Tal-Kagħka". Igħidu li dan il-laqam ġej mill-għadd ta' suldati u baħrin li jpoġġu fil-ħwienet tal-Furjana. Fi żmien il-pika tal-"football", tal-Furjana kienu magħrufa bħala "Tal-Irish" jew "Il-Hodor" għax il-flokkijiet tal-logħob tagħhom kienu jkunu ħodor. Jista' jkun ukoll, għal San Pupulju, il-protettur tal-Furjana, u l-patrun tal-Irlanda "Il-Gżira l-Hadra". Meta l-Furjaniżi kienu jirbħu kont tisma' ħafna taqbil bħal dan li ġej:—

"L-Irish tal-Furjana
X'għamlulhom lis-Slemin!
Rebħulhom it-tazzi kollha,
Qasmulhom ix-xelin!"

**Sliema** — "Tax-Xelin". Igħidu li darba wieħed Protestant, joqgħod Triq Imrabat, kien jagħmel diskorsi reliġjużi bħala propaganda. Biex jiġbor in-nies kien jagħti xelin 'il kull wieħed li kien imur. B'hekk baqgħetilhom "Tax-Xelin". Fil-football kienu magħrufin bħala "Il-Koħol" mil-lewn ikħal tal-flokkijiet. Meta kienu jirbħu lill-Furjaniżi kienu jgħidulhom "Il-Kagħka maqsuma fi tnejn!" Ġie li kienu jmorru bil-lejl ukoll u jiżbgħu bl-ikħal l-Iljun li hemm fil-pjazza tal-Furjana. Imbagħad kienu jgħidulhom "Żbajnihulkom l-Iljun!"

**Imsida** — "Tal-Hama" jew "Tal-Lazzijiet".

**Hamrun** — "Tas-Sikkina", aktarx għax igħidu li n-nies t'hemm huma ġellieda, jew, kif hawn min igħid "katlettużi".

**L-Isla** — "Ta' Ċaċu" għax iħobbu jiftaħru u juru ruħhom. In-nies taż-żewġt ibliet l-oħra (Bormla u l-Birgu) jgħidulhom "Armejtu r-rix barra (biex bħallikieku kiltu tajjeb) u mbagħad kiltu b'sitta nċova!" jew "Mela kellek xi mħadda ftaħtha?"

**Rabat** eċċ. — Il-qawl Malti jgħid: "Rabti u Żebbuġi jagħmlu Lhudi." Bonelli, fis-"Saggio del Folklore dell'Isola di Malta" isemmi li żmien ilu lir-Rabtin kienu jgħidulhom "Rabti kibx", i.e. muntun. Igħd ukoll li hawn qawl hekk "Rabti kibx — għal ċinkwina ma rikibx", jiġifieri r-Rabtin xħaħ. Għan-nies ta' Hall-Bajjada igħidu li huma kollha ħil-"qolla", i.e., kolha jidgħu ħafna.

**Bormla** — "Ta' Baħarhom". Ukoll "Tar-Rampil" jew "Tal-Ħama". Bonelli jgħid li jgħidulhom hekk għax meta kien jinbena d-"dock" kellhom iħammlu l-qiegħ u Bormla mtliet bil-ħama. Fi żmien il-logħob tal-ballun ill-Bormliżi kienu jgħajruhom "Ħallelin". Din it-taqbila kienet f'ħalq kulħadd:—

"Ta Bormla ħallelin
Serqu tazza mill-każin,
Biegħuha sold u nofs
Biex jixtru ratal ħobż."

In-nies ta' l-Isla u tal-Birgu jħobbu jinku 'l ta' Bormla billi jgħidulhom "Li kien il-Papa minn Bormla kien ikun pastaż ukoll" jew inkella "Raġel minn Bormla ħudu, imma mara le."

**Birgu** — "Il-Ħodor", "Tat-Toqba" jew "Il-Ġerbin". "Tat-Toqba" għax hemm post igħidulu "It-Toqba tal-Birgu" u "Il-Ħodor" għax igħidu li għandhom qalbhom ħażina. Il-laqam "Ġerbini" naħseb li hija l-kelma "Bergin" i.e., nies mill-Birgu, bil-maqlub. Imma jista' jkun li għandu x'jaqsam ukoll mal-laqam l-ieħor "Il-Ħodor", għax 'il min hu qalbu ħażina (aħdar) ngħidulu "Qisek għakreb Ġirbi". Bonelli jfisser il-laqam "Ġerbin" jew "Ġerbiżi" bħala "nies li jgħammru f'Ġirba (belt fuq ix-xtajta tal-Affrika, ta' kruha u faqar li ma bħalu)".

**Ħal Tarxien** — "Tal-Ġebla Ratba". Ukoll "Tar-Redus" għax l-iktar raħal fejn irabbu mogħoż. Ir-raħħala t'hemm jieħdu għalihom meta tgħidilhom "Tar-Redus". Dlonk tismagħhom iwieġbu "Aħna tar-Redus, imma r-Redus mhux għandna ssibu, imma għand in-nies ta' Bormla u tal-ibliet fejn immorru nbiegħu l-ħalib."

**Raħal Ġdid** — "Il-Midjunin". Dan il-laqam ġej minn żmien is-Sultan De Paula meta ried jibni "Casal Paola". Biex iħajjar in-nies imorru fih, kien amar li min ikollu xi dejn jinħafirlu jekk kemm-il darba dan imur joqgħod Raħal Ġdid. U baqgħetilhom hekk. Fil-logħob tal-ballun kienu magħrufin bħala "Il-Bojod" mil-lewn tal-flokkijiet tagħhom.

**Ħal-Luqa** — "Tal-Mazzit" għax hemm dari kien imsemmi għal mazzit tajjeb, imħawwar biż-żbib, basal, nunċimuskata u ħwawar oħra, li kien isir hemm.

**Żurrieq** — "Ta għajnejhom żoroq". In-naħa tan-Nigret tassew li xi nies għandhom għajnejhom żoroq. Igħidu li dawn l-għajnejn żoroq kienu ħajru bosta kavalieri biex iqarrqu bin-nisa ta' hemm. Hi x'inhi, għadek sal-lum tisma' f'ħalq in-nies "l-għajnejn żoroq taż-Żurrieq."

**Żejtun** — "Ta sieqhom ċatta." Igħidu li meta San Pawl niżel ir-Raħal t'Isfel, iż-Żwieten daru għalih u San Pawl kellu jitlaq għax ma ridux jisimgħuh u sabbtu saqajhom biex juru li ma jridux jafu bih. Wara baqgħu jitwieldu b'saqajhom ċatta u mċaftra, għax San Pawl seħithom meta tefgħulu l-ġebel ħdejn San Kelment taż-Żejtun.

**Żabbar** — "Tal-Grazzja" għax il-festa t'hemm hija l-Madonna tal-Grazzja. Meta wieħed m'għandu ħeġġa jagħmel xejn, ngħidulu b'leħen ta' tmaqdir "Tal-Grazzja Ħaż-Żabbar!"

**Ħal-Għargħur** — "Tat-Tewm" jew "Tal-Imqaxxar" għax San Bartilmew, il-qaddis tal-Għargħurin, miet imqaxxar.

**Mellieħa** — "Tat-Tonn" għax dari l-Għadira tal-Mellieħa kienu jixħtu t-tunnara u jaqbdu ħafna tonn.

**Żebbuġ** — Bħal ma jgħidu għar-Rabtin, hekk ukoll għaż-Żebbuġin "Rabti u Żebbuġi jagħmlu Lhudi." Igħidulhom ukoll "Hallelin". Bonelli jgħid li, l-għada ta' S. Filep, liż-Żebbuġin isaqsuhom "Il-bieraħ beriktu l-ħabel?" Dan ifakkarna fi żmien l-Ordni, meta l-iżbirri (bħal pulizija tal-lum) il-biċċa l-kbira kollha kienu jiġu minn dan ir-raħal.

**Qormi** — "Is-Sakranazzi". Lill-Qriema jgħidulhom ukoll li "sa nofs in-nhar irġiel" għax billi ħafna minnhom furnara, jaħdmu bil-lejl, ibiegħu l-ħobż filgħodu u f'nofs in-nhar jixorbu qatra sewwa biex jorqdu.

**H'Attard** — "Is-Saraċini"—laqam li bih iridu jmaqdru linnies t'hemm għax igħidu li kienu dawn l-aħħar nies li saru Nsara meta ġie San Pawl. Fuq din it-tifsira kiteb A. Preca fil-"Malta Cananea"—1904 p. 568, u qal hekk: "Osservo che, per il nostro popolo, 'Saracin' è equivalente a 'non cristiano'; così anche 'Tork' e 'Lhudi'."

**Ħal-Lija** — "It-Twajbin". Din il-għanja għadhom igħiduha u tiġbor fiha l-laqam ta' l-aħħar erbat irħula :—

"Ta H'Attard is-Saraċini
Ta' Ħal-Lija n-nies twajbin;
Sakranazzi l-Qriema kollha
Hallelin iż-Żebbuġin".

**Birkirkara** — "Tal-Fuħħar" għax dari kienu jaħdmu ħafna borom u ħwejjeġ oħra tal-fuħħar. Imma f'dan il-laqam hemm xi ħaġa oħra miftiehma, għax il-Karkariżi huma magħdudin bħala nies faħħarin, u għalhekk meta lill-Karkariżi igħidulhom "Tal-Fuħħar" ikunu qed jilagħbu bix-xebħ tal-kelmiet "fuħħar" u "faħħar". Hemm ukoll min igħidilhom "Tal-Ġummar" għax

dan ix-xogħol dari kien isir wisq f'dan ir-raħal. Fuq l-industrija tal-fuħħar Bonelli jsemmi li n-nies tat-Tlitt Ibliet kienu jqabblu hekk :—

"San Lawrenz tal-Birgu tagħna
Il-Kunċizzjoni tal-Bormliżi;
Li ma kienx il-melħ u t-tafal
Imsejknin il-Karkariżi".

Ġie li jinbxuhom ukoll lin-nies ta' dan ir-raħal billi jgħidulhom li l-qanpiena li għandhom hija "mġenġla". Bonelli jgħid li fi żmienu l-karkariżi nfishom ma kenux jiċħdu li jħobbu jpaċpċu u jiftaħru, u jġib dan il-qawl: "Tneħħilna *lsienna* u l-*qanpiena l-kbira* ma jibqa' fina xejn!" Meta mhux bil-qanpiena jħobbu jkidduhom billi jfakkruhom fuq meta nqata' l-ħabel bihom għax marru jiġbdu l-knisja. Igħidu li meta nbniet il-Knisja l-Qadima, in-nies ma għoġbithomx fejn kienet u riduha iktar 'l isfel, fil-qalba tar-raħal. X'għamlu? Rabtu ħabel biex jiġbduha. U kulħadd ġie biex igħin. F'daqqa waħda l-ħabel reħa ftit. Qalu: "Ġejja!" u baqgħu jiġbdu. Kien il-ħabel li qed jiżżarrad u li wara ftit inqata' u marru lkoll għal wara fl-art. U b'ċajta, għadhom igħidu kif wieħed li mar biex jiġbed, neża s-sidrija tal-bellus bid-dubluni tad-deheb, ħalliha taħt il-ħajt tal-knisja biex ikun jista' jiġbed aħjar. Meta nqata' l-ħabel, mar biex jilbisha u ma sabhiex fejn ħalliha. "Int fejn ħallejtha?" saqsewh. "Taħt il-ħajt" wieġeb hu. "U int ma tafx li l-knisja tħarrket?" qalulu bid-daħka. Is-sidrija kienet sabet 'il sidha! Bonelli jsemmi li l-Karkariżi huma magħdudin ukoll bħala nies ġellieda, u għalhekk l-għada ta' Santa Liena, kien ikun hemm min inigges xi wieħed minn Birkirkara billi jgħdlu "Il-bieraħ beriktha n-niexfa?" i.e. ħaddimt ix-xafra f'xi ġlieda? Sa ftit snin ilu, kienu joqtlu l-Karkariżi jekk xi ħadd igħidilhom "Intom filgħodu tmorru għall-festa, u filgħaxija tmorru taqtgħu l-ħarrub." Dan għax il-vara ta' Santa Liena kienet toħroġ bil-purċissjoni filgħodu.

**Għawdex** — Lill-Għawdxin igħidulhom "Tal-Ġbejniet" għax dawn aktar isiru hemm milli Malta. Għall-karattru tal-Għawdxin igħidu "Għawdxi tajjeb aħarqu, aħseb u ara ħażin!" Għalkemm imbagħad, huma jaħsbu u jgħidu l-istess għall-Maltin.

**Rabat** — It-tilwim bejn l-irħula f'Għawdex l-ewwel ma beda xi 40 sena ilu, ir-Rabat. 'Il San Ġorġ għajruh "San Ġorġ tal-patata". Ix-Xewkin għajruh hekk għax jaħbat f'April meta tinqala' l-patata. U x'uħud xeħtulu l-patata wkoll.

**Xewkija** — "Tax-Xewkija" tisma' min igħid "qattusa mixwija". Meta l-Isqof kien ħareġ ordni li l-purċissjoni ta' San Ġwann għandha ssir wara nofs n-nhar mhux kulħadd qagħad. Wiħed Xewki qagħad tiela' u nieżel quddiem il-kappillan u jgħid :— "Patri, Filju, Spirtu Santu Amen!
Hekk kien il-bidu (i.e. dejjem filgħodu)
Hekk irid jibqa' t-tmiem!"

Imma ma baqgħax, għax dawruh filgħaxija. Din u ta' qabilha qalhomli Damjan tax-Xewkija, raġel ta' xi 86 sena, li sirt naf bih minn għand il-Prof. Ġ. Aquilina.

**Kerċem** — "Tas-Sikkina" l-istess bħal ma jgħidu għan-nies tal-Ħamrun.

**Qala** — "Tal-Qala" igħidu "ras ta' bagħla".

**Nadur** — Hawnhekk l-iktar raħal f'Għawdex li jiġi qrib Malta, u n-nies għalhekk igħidulhom "Il-Maltin". Tisma' min igħidlek. "Dak Malti minn Nadur." In-nies t'hawn ġie li jsibuhom ukoll bħala "Tal-M'hemmix!" għax igħidu *hemmi* flok *hemm* u *m'hemmix* flok *m'hemmx*.

**Xagħra** — Fuq in-nies tax-Xagħar u tan-Nadur tisma' min igħid hekk :—

"Tax-Xagħra jieklu bagħra (ħmieġ tal-baqar)
Tan-Nadur jieklu kagħbur" (ħmieġ tan-ngħaġ).

---